MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 205/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Micallef)**

**Vs**
Rita Mallia

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Mejju, 2004 ghall-habta tal-13.00 hrs u fil-granet/xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, bhala sid tal-vettura nru. CAT-856:**
**1) naqset li tara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (licenzja mhux imgedda);**
**2) ippermettiet lil Paul Mallia jsuq l-imsemmija vettura nru. CAT-856 (Scammel) minghajr ma kienet licenzjata**

**mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq, u dan ai termini tal-Artikoli MVR 18(4)(6).**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 t'Ottubru, 2004, li biha, ma sabitix hatja w illiberata, stante li ma kienx sufficjentement pruvat.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 t'Ottubru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w tibdel is-sentenza appellata, billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-imputata ma nstabitx hatja tat-tieni mputazzjoni, thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn hija giet liberata mill-ewwel imputazzjoni, u minflok, wara li jinstemghu l-provi limitatament ghal din l-imputazzjoni, ssib u tiddikjara htija tal-istess appellata f'din l-akkuza, w tinfliggi l-piena skond il-ligi nkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja tas-sewqan.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :- li minkejja li saret il-prova li l-imputata appellata hija, ghall-finijiet u effetti tal-ligi , s-sid registrata tal-vettura in kwistjoni, u hija kienet pjenament responsabbli ghal kwalunkwe nuqqas fit-tigdid tal-licenzji relattivi, kuncett maghruf bhala "strict liability" , u ladarba saret il-prova tan-nuqqas ta' tali tigdid, hija ma nstabitx hatja,**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mix-xhieda ta’** P. S. 547 Martin Agius **irrizulta li l-Pulizija kellha rapport anonimu li l-vettura Scammel numru CAT-856 kienet f’ St. Andrew’s Road, San Giljan , bla ma kellha l-licenzja mhallsa. Meta hu mar fuq il-post , il-vettura ma sabhiex . Meta ccekkja mall-appellata , sid il-vettura, w mas-sistema tal-bills, sab li l-licenzja ma kienetx imhallsa. Hu kien talab lill-appellata li ggib il-licenzja w l-insurance l-ghassa, izda dan ma sarx. Lilu fuq it-telefon l-appellata kienet qaltlu li t-truck ma kienx qed jintuza.**

Brian Farrugia **, addett tal-Licencing and Testing Directorate xehed li l-licenzja tal-vettura in kwistjoni kienet skadiet f’ Marzu, 2002 u thallset fid-19 t’ Ottubru, 2004 , b’dana li gie kopert il-periodu mill-1 t’ April, 2002 u tinsab imhallsa sa Marzu, 2005. Jekk xi hadd li jkun irid izomm il-vettura ma jkunx irid jillicenzjha, irid jiggaraxjha, jirritorna l-pjanci lil Licencing and Testing Department u jimla formola maghrufa bhala “*garaging form*” . B’hekk il-vettura ma tkunx tista’ tintuza fit-triq. Il-licenzja hija “road licence”.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-Prosekuzzjoni ghamlet riferenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet** “Il-Pulizija Vs. Roderick Gerada” **[14.2.2001] izda din tittratta punt ghal kollox differenti minn dak in ezami. Di fatti f’ dik il-kawza il-punt kien ir-responsabbilta’ tal-konducent – anki jekk ma jkunx sid tal-vettura li qed isuq – li jara li l-vettura li qed isuq tkun debitament licenzjata w koperta’ b’assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi skond il-ligi. Ghalhekk dis-sentenza bl-ebda mod ma tghin biex jigi rizolt il-punt involut f’ dan l-appell.**

**Id-difiza qed targumenta li ladarba ma saritx il-prova li l-vettura kienet qed tintuza fit-triq allura ma tistax tirrizulta l-ewwel imputazzjoni.**

**Din il-Qorti pero' ma tarax li biex tirrizulta din l-imputazzjoni hemm bzonn li ssir il-prova li fil-fatt il-vettura kienet qed tinsaq fit-triq. L-imputazzjon hija li ma ratx li l-vettura jkollha dejjem u f' kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, irrispettivament jekk din tintuzax fit-triq jew le. Jekk sid ta' vettura ma jkunx behsiebu jaghmel uzu minn vettura w allura ma jkunx irid ihallas il-licenzja, jista' jsegwi l-procedura li jiggaraxjha, jirritorna l-pjanci tan-numri, u jimla l-"*garaging form*" relattiva. Jekk ma jaghmilx din il-procedura, jitqies li l-vettura qed tintuza w ghalhekk trid tkun koperta b'licenzja. Illi bil-fors li hekk trid tigi interpretata l-ligi, ghax altrimenti ikun hemm min ghax forsi ma juzax il-vettura ta' spiss jew kwazi qatt , jiehu r-riskju li ma jhallasx il-licenzja ghax ic-"*chances"* li jinqabad biha fuq it-triq ikunu zghar.**

**Hu proprju ghalhekk li r-Regolament 53 tal-Motor Vehicle Regulations jiddisponi li kull persuna li jkollha licenzja ta' vettura li tkun tista' tiggedded taht ir-regolamenti , ghandha , kemm il-darba ma jkollhiex il-hsieb li ccediha, ggedded dik il-licenzja fiz-zmien stabilit skond il-ligi u dan l-obbligu jispicca** biss **jekk dik il-persuna ,** qabel ma taghalaq il-validita' tal-licenzja **, tgharraf bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, skond il-kaz, li ma tkunx bi hsiebha ssuq xi vettura bil-mutur** u jekk, mhux aktar tard mill-ahhar jum tal-validita' taghha , tikkonsenja l-karta tal-licenzja **relattiva lill-Kummissarju jew Awtorita' biex ihassruha . Ma jirrizultax li dan kien il-kaz anzi jirrizulta li wara hafna zmien l-appellata spiccat hallset l-ammonti dovuti ghall-licenzja tal-vettura fid-19 t' Ottubru, 2004 ghall-periodu minn April, 2002 sal-ahhar ta' Marzu, 2005 u b' hekk implicitament accettat li dik il-licenzja suppost li giet imgedda ghall-periodu mertu tac-citazzjoni w ma ggeddidtx .**

**Skond it-tieni Skeda tal-Kap.65 umbaghad il-piena ghal nuqqas ta' tigdid tal-licenzja ta' vettura hija ammenda ta' tletin lira Maltin (LM30).**

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-appellata mhux hatja tat-tieni imputazzjoni w minnha lliberatha w tirrevokha in kwantu ddikjarat lill-appellata mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni w minnha lliberatha w minnflok tiddikjaraha hatja tal-ewwel imputazzjoni w cioe' talli fis-17 ta' Mejju, 2004, u fil-granet u xhur ta' qabel , f' dawn il-Gzejjer , bhala sid tal-vettura CAT-856 Scammel, naqset li tara li jkollha dejjem u f' kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta , w, wara li rat ir-regolament 53 tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 ta' l-1984 ) u t-Tieni Skeda tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) , tikkundannaha ghall-hlas ta' tletin lira Maltin (LM30) ammenda.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------